**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 17 ta' Novembru, 2015

Rikors Nru : 422/10 AL

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu appremetta :

1. Illi huwa ssepara minn martu fil-ghaxra ta' Settembru tas-sena elf disa mija sebgha u disghin (10/09/1997) u dan abbazi ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Marco Burlo;
2. Illi wahda mill-kundizzjonijiet ta' dan il-kuntratt kien hemm il-klawsola tlieta (3) fejn hemm miftiehem illi "l-partijiet jaqblu illi f'kull kaz il-komparenti C B ghandha tippercepixxi akkont tal-manteniment pagabbli lilha l-pensjoni kontributorja mahruga mill-Awtoritajiet kompetenti …" waqt li r-ragel ghandu "jircievi l-pensjoni non-kontributorja"
3. Illi llum u anki recentement mhux talli mhuwiex qieghed jircievi anzi waqfulu l-pensjoni non-kontributorja u qieghed jrodd lura s-somma

kollha li ha matul l-ahhar ghaxar (10) snin tal-pensjoni non-kontributorja ghax ma kienx intitolat johodha;

4. Illi llum l-esponenti mhuwiex qieghed ilahhaq mal-hajja ghax l-uniku introjtu tieghu huwa nofs il-pensjoni kontributorja fl-ammont ta' mitejn u tmenin euro (280) kull erba gimghat;
5. Illi ghalhekk hemm bzonn sabiex din il-kundizzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni tinbidel;
6. Illi l-esponenti gie awtorizzat jghaddi ghal din il-kawza abbazi tad-digriet numru 1503\2010 AF;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tordna li l-manteniment li hemm indikat fil-kuntratt ta' separazzjoni bonarja hawn fuq imsemmi ghandu jigi ridott jew imnehhi stante li c-cirkostanzi inbidlu u b'hekk l-esponenti jippercepixxi l-pensjoni kontributorja kollha;
2. Tordna l-pubblikazzjoni tal-varjazzjoni tal-manteniment fil-kuntratt ta' separazzjoni f'dik il-parti fejn hu imsemmi l-manteniment.
3. Tordna l-hatra ta' Nutar Pubbliku biex jippubblika l-att relattiv li jirrifletti t-talba odjerna u tahtar kuraturi deputati biex jidhru fuq l-att pubbliku appena msemmi ghall-eventwali kontumaci fuq tali att.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata ta' C B li permezz taghha eccepixxiet :

1. Illi l-azzjoni hija nsostenibbli peress illi l-perjodu illi fih setgha pprezenta din l-istanza ghalaq u dan peress illi l-effett tal-awtorizazzjoni miksuba mill-attur ghal din il-kawza ghalaq u spicca;
2. Illi r-retta alimentarja illi taghha qeghda tigi mitluba r-reduzzjoni mill-attur giet stabbilita` f'kuntratt ta' separazzjoni ippubblikat bejn il-kontendenti fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo 'l fuq minn hdax-il sena ilu. Skond il-ligi u l-gurisprudenza il-premessa centrali tal-kawza attrici u li fuqha huma msejjsa t-talbiet tieghu, cioe "illi l-attur m'huwiex qieghed jlahhaq mal-hajja" hija irrilevanti u ma tistax twassal ghar-revizzjoni tal-manteniment pagabbli mill-istess attur. Skont il-Ligi u l-gurisprudenza, dan l-intitolament jezisti biss fic-cirkostanzi fejn il-hlas tal-manteniment huwa oggettivament impossibbli ghall-attur. Fl-azzjoni odjerna tieghu l-attur ma ppremetta imkien dawn ic-cirkostanzi u t-talbiet avvanzati minnu ma ghandhomx xejn x'jaqsmu ma' dawn ic-cirkostanzi billi jirrigwardaw

biss jekk l-attur qieghed jew le jircievi l-pensjoni u li c-cirkostanzi nbidlu.

3. Illi skond ma jirrizulta lill-eccipjenti zewgha ghandu l-mezzi biex jissominiistra l-manteniment pagabbli minnu. Fil-fatt, l-attur ghandu dhul ferm akbar minn dak mistqarr minnu fil-premssi tal-kawza.
4. Illi t-tielet u r-raba talbiet attrici, huma superfluwi anke f'kaz ta' ezitu favorevoli tat-talbiet precedenti ghall-attur billi r-riduzzjoni eventwalment ordnata ma tinhtiegx illi tigi kkonfermata b'kuntratt korrettorju;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiema talba mill-attur biex jigi ridott jew imnehhi l-manteniment li huwa jaghti lill-konvenuta kif indikat fil-kuntratt tas-separazzjoni bejn il-partijiet datat 10 ta' Settembru 1997. Min-naha taghha, l-konvenuta qeghda topponi ghat-talbiet kif maghmulha mill-attur u dan primarjament minhabba li l-kawza giet ipprezentata meta z-zmien ghal prezentata ta' din il-kawza kien ghalaq u spicca, fit-tieni lok minhabba li l-manteniment gie stabbilit permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li fih kienu ftehmu z-zewg partijiet u fit-tielet lok il-konvenuta tghid li mhux minnu li l-attur m'ghandux biex jghix izda ghandu l-mezzi biex jghix u dan peress li ma semmiex x'kienu c-cirkostanzi li nbidlu wara s-separazzjoni u peress li ghandu dhul ikbar minn kemm qieghed jghid fir-realta' li ghandu.

**Verzjoni attur**

L-attur jghid li huwa kien mizzewweg lil C B[1] u meta issepara mar id-Dipartiment ta' l-ghajnuna socjali biex jara ghal xiex kien intitolat u huma qalulu li jekk ma jkollu dhul minn imkien, ser jingahta pensjoni ohra. Jirrizulta ghalhekk li huwa kien qieghed jinghata pensjoni kontributorja u ohra non-kontributorja. Ghalhekk fis-sena 2008 huwa ma thallasx aktar il-pensjoni non-kontributorja u kellu jibda jhallas lura l-hlas zejjed li kien sarlu tal-pensjoni non-kontributorja. Hu jghid li l-pensjoni mhux isservih, u li issa marad u ghandu problemi f'ghajnejh. Huwa jzid jghid[2] li kellu jhallas lura *refund* lis-sigurta' socjali u li issa biddel id-dar fejn joqghod ghaliex kien qieghed jghix f'kerreja, ghamel spejjez ta' ghamara u affarijiet ohra u dawn l-ispejjez hallsithom certa Renee Bartolo li jghid li ghandha sbatax-il sena esperjenza bhala nurse u tghinu. Huwa ipprezenta diversi dokumenti, fosthom kontijiet tat-telephone u tat-television[3], kont tad-dawl[4], ricevuti varji[5], certifikat mahrug mill-Isptar li juri li huwa *legally blind*[6], jipprezenta wkoll ricevuti ta' xi ghamara kollha indirizzata lil certa Renee Bartolo[7], karta tad-dizabbilita'[8], numru ta' ricevuti minn hwienet tal-*groceries*[9] u sentenza mill-Arbitru tas-Sigurta' Socjali[10] li jindika li l-appell maghmul mill-attur gie michud. L-attur jkompli jixhed fit-23 ta' Jannar 2012[11] kellu jidhol ghal aktar trattament fl-isptar u dan peress li sabulu tumur[12], tenna wkoll li ghandu l-ilma diehel id-dar imma ma jistax jaghmel ix-xogholijiet ghaliex m'ghandux mezzi, u li mhux kapaci johrog wahdu ghaliex il-vista ilha sejra lura erbatax-il sena. Hu jghid li ghandu kont wiehed il-bank li fih erbghin (40) ewro biss.

**Verzoni konvenuta**

1 Ara xhieda tal-attur a fol 28 tal-process
2 Ara xhieda ta' l-attur a fol 36 tal-process
3 Ara fol 40 tal-process
4 Ara fol 41 tal-process
5 Ara fol 42 tal-process
6 Ara fol 43 tal-process
7 Ara fol 45 sa fol 49 tal-process
8 Ara fol 50 tal-process
9 Ara fol 51 tal-process
10 Ara fol 52 tal-process
11 Ara fol 55 tal-process
12 Ara fol 59 tal-process

Il-konvenuta f'dawn il-proceduri tixhed fl-4 ta' Gunju 2014[13] u tghid li ghandha garaxx wiehed u illi dan il-garaxx juzawh it-tfal taghha bhala hanut tal-grocer. Iz-zewg subien jahdmu fih u ghandhom impjegati part-time, kera ma tiehux u ma tehdilhomx flus ghaliex it-tfal djun ghandhom biex ikabbru. Qabel dahlu t-tfal, il-garaxx kien mikri ghand ta' hdejha ghal Lm80 fis-sena. Hi zzid tghid li tircievi €191 fix-xahar mill-pensjoni tar-ragel. Ghajnuna ohra ma tircevix, u t-tfal jghixu maghha izda ma jaghtuha xejn, il-*groceries* jgibuhom mill-hanut u hi tiekol ghand ohtha, dawl u ilma jhallsuh it-tfal taghha. Hi tghid li dejjem ghexet ta' fqira u li t-tfal ghandhom hafna spejjez inkluz tal-kawza li ghamlilhom l-attur, u tghid li ghandha karozza li tiswa' xi €1500. Iktar tard fix-xiehda taghha datata 25 ta' Gunju 2014[14] il-konvenuta tghid li kienet tikri l-garaxx lil ta' fuqha izda ma tipprezentax kuntratt li bih kien sar dan il-ftehim.

**<u>Il-provi migbura</u>**

Primarjament, il-Qorti tibda biex tirrileva li l-provi prezentati huma xi ftit jew wisq monki u dan peress t-talba ta' l-attur hija biex jinbidel il-kuntratt ta' separazzjoni, liema kuntratt qatt ma gie ipprezentat u allura l-Qorti ma tistax tara ezattament x'inhu dovut jew kemm hu dovut lill-konvenuta mill-pensjoni ta' l-attur. Ghalhekk f'din il-kawza r-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali xehed mhux inqas minn erba' darbiet, fis-27 ta' Gunju 2012[15], fil-25 ta' Settembru 2012[16], fit-30 t'Ottubru 2012[17], fis-16 ta' Jannar 2014[18]. Hija ghalhekk minn din ix-xiehda li l-Qorti fehmet kif qeghda tinhadem id-distribuzzjoni tal-pensjoni kontributorja, kemm qieghed jinghata minnha l-attur u kemm qeghda tinghata minnha l-konvenuta. Ir-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali jghid li l-konvenut jiehu ghajnuna medika, beneficcju tal-energija u ghajnuna supplimentari. L-ahhar li thallas ghajnuna medika kien fil-15 ta'

[13] Ara fol 143 tal-process
[14] Ara fol 157 tal-process
[15] Ara fol 77 tal-process
[16] Ara fol 80 et seq tal-process
[17] Ara fol 89 tal-process
[18] Ara fol 131 tal-process

Gunju 2012 ghaliex ma baqax iktar intitolat ghaliha. Qieghed jiehu pensjoni kontributorja u bonuses attacjati maghha. Huwa ipprezenta redikont mis-sena 2005 sas-sena 2011[19] u r-rendikont ghas-sena 2012[20] ghall-beneficcji li ha l-attur, u rendikont ghall-pensjoni kontributorja u l-bonuses li ha mis-sena 2005 sas-sena 2011[21], u rendikont ghas-sena 2012[22], kif ukoll huwa jipprezenta l-beneficcju li hadet il-konvenuta ghas-snin 2006 sa l-2011[23] u l-beneficcju li hadet ghas-sena 2012[24]. Oltre dan huwa jghid ukoll li fuq il-konvenuta hemm tnaqqis li qed isir minhabba li sar *overpayment* ta' €1972.54[25] u sad-data tax-xiehda tieghu kien baqa' €28.31 x'jithallsu. Fuq l-attur hemm *overpayment* ta' €8538.48 minhabba li l-attur kien qed jiehu zewg pensjonijiet f'daqqa u *outstanding* kien baqghalu €6672.45 u ghandu *overpayment* iehor ta' €10,272.46[26]. Ir-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali jkompli jixhed[27] li l-attur kellu jibda jiehu €83.71 fil-gimgha bhala minimum pension u maghhom ghandu bonus ta' €5.20 fil-gimgha li jithallas kull sitt xhur u €3.12 ohra fil-gimgha bonus iehor li jithallas kull erba' gimghat mal-pensjoni, jiehu wkoll supplementary allowance ta' €4.57 fil-gimgha li kellu jibda mit-13 t'Ottubru 2012[28]. Hu jghid li dan il-hlas huwa qabel ma jsir it-tnaqqis ta' l-overpayment. Oltre dan huwa jzid li l-konvenuta minn Ottubru 2012 kellha tibda tircievi €47.81 parti mill-pensjoni tar-ragel, age pension, pensjoni mhux kontributorja ta' €51.70 li trid tigi mnaqqsa stante li qed tiehu parti mill-pensjoni tar-ragel, tirciei €5.20 bonus u bonus iehor ta' €3.12 kull gimgha, ghandha wkoll medical assistance ta' €23.29 kull gimgha[29]. Huwa jerga' jixhed fit-30 t'Ottubru 2012[30] meta r-Rapprezentant tad-Dipartiment ghas-Servizzi Socjali jixhed kemm qed jiehdu l-partijiet

[19] Ara Dok DSS1 ezebit a fol 69 tal-process
[20] Ara Dok DSS2 ezebit a fol 70 tal-process
[21] Ara Dok DSS3 ezebit a fol 71 tal-process
[22] Ara Dok DSS4 ezebit a fol 72 tal-process
[23] Ara Dok DSS5 ezebit a fol 73 tal-process
[24] Ara Dok DSS6 ezebit a fol 74 tal-process
[25] Ara Dok DSS7 ezebit a fol 76 tal-process
[26] Ara Dok DSS8 ezebit a fol 75 tal-process
[27] Ara fol 80 et seq tal-process
[28] Ara Dok DSS9 ezebit a fol 82 tal-process
[29] Ara Dok DSS10 ezebit a fol 83 tal-process
[30] Ara fol 89 tal-process

mill-istess Dipartiment wara li jitnaqqsu l-*overpayment* li kellhom ma' l-istess dipartiment, u ghalhekk, l-attur jibqaghlu average ta' €84 fil-gimgha apparti l-bonuses, filwaqt li l-konvenuta tiehu €120 fil-gimgha. L-attur qieghed jirrifondi €19,000 li ghandu jhallas lid-dipartiment u ghandu ghomru jhallsu. L-istess Rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali jerga' jixhed li pendenti l-kawza odjerna l-konvenuta ma baqghetx tircievi ghajnuna socjali minhabba *means testing,* peress li kien irrizulta li kellha propjeta' li kienet qeghda f'idejn it-tfal li taghha ma kenitx qed tircievi kera. Fil-fatt iktar tard il-konvenuta tikkonferma li kull ma qeghda tircievi hija l-pensjoni minghand ir-ragel, fl-ammont ta' €191 fix-xahar.

Jixhed ukoll Charles B iben il-partijiet[31] li jghid li ghandu hanut flimkien ma' huh iz-zghir liema hanut qieghed vicin id-dar tal-konvenuta, huwa jikkonferma li ma jhallasx kera, izda hajt ma' hajt mal-hanut hemm store ta' l-attur li tieghu huwa qieghed ihallas seba' Ewro (€7) kuljum u ilu jhallas hekk ghal dawn l-ahhar erba' snin u nofs. Huwa ezbixxa ittra li rcieva minghand l-avukat ta' missieru[32] fejn, fost affarijiet ohra, qed jitlob li toghla l-kera.

Il-konvenuta ipprezentat diversi cedoli ta' depozitu maghmula mit-tfal taghha li bihom qed jiddepozitaw il-kera ta' l-istore imsmemmi minn iben il-partijiet Chares B[33] biex il-konvenut ikun jista' jizbanka l-imsemmija kirjiet.

Xehed ukoll Dr. Franco Mercieca fil-15 ta' Mejju 2015[34] li ikkonferma li l-attur ibaghti minn kundizzjoni fir-retina li hija genetika u ilu bil-vista batuta ghal zmien twil u din progressivament qeghda dejjem tmur lura. Hu m'ghandux vista  bizzejjed biex jara l-ucuh u lanqas biex jaqra u jekk ikun wahdu jintilef. Hu qal li l-konvenut jista' jaghma ghal kollox u jzid li ma hemmx kura ghalih.

Fil-mori tal-kawza gie verbalizzat li l-attur rega' zzewweg u dan ukoll fuq prezentata tac-certifikat taz-zwieg, u l-attrici permezz ta' l-abbli

---

[31] Ara fol 92 tal-process

[32] Ara Dok CC a fol 93 tal-process

[33] Ara fol 98 sa fol 113 tal-process

[34] Ara fol 174 et seq tal-process

rapprezentant legali taghha irrilevat li dan iz-zwieg gie kuntrattat fil-mori tas-sentenza tad-divorzju moghtija mill-Qorti tal-Familja fit-30 t'April 2013, liema sentenza kienet ghadha mhux *res judicata* peress li kien hemm appell minnha istitwit mill-konvenuta liema appell gie michud b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell.

**Dwar l-ewwel eccezzjoni marbuta mal-perjodu operattiv ta' xaghrejn kif stipulat fl-Avviz Legali 397 ta' l-2003**

Illi l-konvenuta eccepiet li l-azzjoni ta' l-attur hija insostenibbli peress illi l-perjodu illi fih setgha ipprezenta l-kawza odjerna ghalaq. Dan il-perjodu huwa naturalment marbut mal-perjodu ta' xaharejn minn meta hareg id-digriet tal-Qorti biex il-partijiet ikunu jistghu jipprocedu bil-kawza taghhom. Rigward dan id-digriet, kull ma ssir referenza mill-attur fir-rikors guramentat tieghu huwa li dan id-digriet jgib in-numru 1503/2010AF, izda peress li din l-eccezzjoni hi ta' natura perliminari, l-oneru tal-prova kien jinkombi fuq il-konvenuta li tipprezenta l-imsemmi digriet u ggib il-prova li din il-kawza saret wara li l-perjodu ta' xaharejn kien ghalaq. Izda l-konvenuta ma' prezentatx dan id-digiet u lanqas gabet provi fir-rigward, ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

**Rigward il-mertu tal-kaz**

It-talba attrici hija msejsa fuq l-Artikolu 54(9) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk,

*"Meta jkun hemm bdil li jigri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli ghall-manteniment jew il-bzonnijiet tal-parti l-ohra, il-qorti tista' fuq talba ta' kull wahda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skond il-kaz."*

Il-konvenuta fit-tieni eccezzjoni taghha tghid illi din ir-retta alimentarja taghha giet stabbilita' f'kuntratt ta' separazzjoni ippubblikat bejn il-kontendenti. Ghalhekk il-Qorti issa sejra tiddistingwi bejn manteniment li gie stabblit permezz ta' sentenza,

*ope iudicii* u manteniment li gie stabbilit permezz ta' kuntratt konsenswali.

Huwa minnu li l-qrati taghna ttrattaw il-manteniment stabbilit b'kuntratt u dak rizultanti minn sentenza b'mod differenti, izda fiz-zminijiet ricenti l-qrati taghna bdew iwarbu r-rigidita' li jgib kuntratt ta' separazzjoni konsenswali u kif gie ritenut fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet, *Alfred Grech vs Pauline Grech* deciza fis-16 t'April 2004, revizjoni fir-retta alimentaria kellha tinghata biss meta jikkonkorru certa cirkostanzi li gew kwalifikati *"bhala ta' natura gravi, eccezzonali jew indipendenti mill-volonta' ta' l-attur li gabuh fl-impossibilita' li jhallas retta alimentarja"*.

F'dawn il-proceduri l-attur qed jitlob li, minhabba tibdil fic-cirkostanzi tieghu kemm ta' natura finanzjarja tieghu kif ukoll ta' sahha li wasslu ghan-nuqqas li l-attur jkun jista' jmantni lilu nnifsu, qed jitlob li r-retta alimentarja dovuta lil martu kif stabbilita' fil-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali minn ma' martu fl-10 ta' Settembru 1997 tigi riveduta billi titnehha jew titnaqqas. Dan peress illi, kif isostni hu, meta huwa wasal biex jiffirma l-kuntratt ta' separazzjoni hawn indikat huwa iccekkja mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali li kien infurmah li apparti l-pensjoni kontributorja kien se jircievi wkoll pensjoni non-kontributorja. Dan wassal biex fis-sena 2008, id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali infurmah li kien sar *overpayment* ghaliex qatt ma kien intitolat jircievi zewg pensjonijiet u llum qieghed f'dejn li ghandu ghomru jhallas. Dan huwa certament fatt li jirrizulta wara s-separazzjoni konsenswali, u huwa fatt li l-Qorti tqisu bhala gravi bizzejjed biex tevalwa s-sitwazzoni finanzjarja ta' l-attur biex tara jekk hux lok li l-manteniment tal-konvenuta jitnaqqas *o meno*.

Huwa fatt li ma hux kontradett li l-attur ikkuntratta l-kuntratt ta' separazzjoni minn ma' martu l-konvenuta wara li huwa gie infurmat li kien se jkollu pensjoni ohra u ghalhekk, ikkuntratta l-klawsola tlieta (3) ta' l-istess kuntratt li tghid, *"il-partijiet jaqblu illi f'kull kaz il-komparenti C B ghandha tippercepixxi akkont tal-manteniment pagabbli lilha il-pensjoni kontributorja mahruga mill-Awtoritajiet kompetenti"* filwaqt li hu ghandu, *"jircievi l-pensjoni non-*

*kontributorja'*[35]. Gie konstatat bhala stat ta' fatt li l-attur qieghed jircievi in total bhala ghajnuna socjali l-ammont ta' erbgha u tmenin Ewro (€84) fil-gimgha wara li jitnaqqsulu l-pagamenti dovuti li jrid jirrifondi lura lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, u gie stabbilit ukoll li l-uniku introjtu li ghandha l-konvenuta huwa l-ammont ta' sebgha u erbghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€47.81) fil-gimgha li hija parti mill-pensjoni tar-ragel.

Izda jirrizulta illi l-attur ma kienx kompletament sincier ma' din il-Qorti fix-xiehda tieghu, ghall-kuntrarju tal-konvenuta, meta huwa qal li dan hu l-uniku introjtu tieghu. Jirrizulta anke permezz tax-xiehda ta' ibnu Charles B li huwa ghandu store li jikri lill-istess tfal, u dan l-istore, anke jekk *se mai* l-attur mhux qed jizbanka l-kirja tieghu, ghandu potenzjal li minnu jaqla l-flus. Fl-istess sitwazzjoni qeghda l-konvenuta li ghandha hanut moghti lit-tfal taghha, li ma hix qeghda tithallas kirja tieghu, meta dan l-istess hanut ghandu potenzjal li hija taqla' xi haga tal-flus minnu.

Ghalhekk in vista' tal-fatt li huwa veru li l-kapacita' lavorattiva ta' l-attur hija ormai ridotta ghal xejn ghaliex huwa meqjus bhala *legally blind* kif ikkonfermat anke mit-tabib specjalista Dr Franco Mercieca, dan l-istore li huwa mikri lit-tfal tieghu jipprovdi  mezz biex huwa jzid l-introjtu tieghu.

L-attur jghid fix-xiehda tieghu li tant ma jistax ilahhaq mal-hajja li jkollu jissellef minghand haddiehor, izda peress li issa ma jistax jitlob izjed flus  ma kellux triq ohra hlief li jintavola l-kawza odjerna. Huwa jipprezenta serje ta' kopji ta' ricevuti marbuta mal-hajja biex jipprova li ma jistax ilahhaq mal-hajja. Il-kopji tal-kontijiet immarkati Dok SP 1 u Dok SP2[36] jidhru li huma indirizzati lill-attur, izda l-kopji tal-kontijiet Dok SP3 u Dok SP4[37] huma ricevuti li ma humiex indirizzati, u jista' jaghti l-kaz li hargu lil kwalunkwe persuna u mhux necessarjament mill-attur, ghalhekk  il-Qorti thoss li dawn l-allegati spejjez huma nieqsa minn kull prova legali u qed tastjeni milli tiehu

[35] Dicitura mehuda mir-rikors guramentat ta' l-attur u dan peress li l-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali bejn il-partijiet qatt ma gieipprezentat fl-atti tal-kawza odjerna.

[36] Ezebiti a fol 40 u 41 tal-process

[37] Ezebiti a fol 42 u 51 tal-process

konjizzjoni taghhom. L-attur jonqos milli jgib prova dwar min huma dawn il-persuni li qed issellfuh il-flus u qed jghinuh jghix, oltre dan, huwa jghid li l-ispejjez li saru (immarkati bhala Dok MF1 sa Dok MF5)[38] ghad-dar tieghu saru minn certa Renee Bartolo, kif jikkonfermaw l-istess kopji ta' ricevuti ezebitu, u lanqas l-istess ma huma ikkonfermati bil-gurament u m'hemmx konferma li dawn l-ispejjez qieghed ihallashom l-attur jew saru ghall-attur, u ghalhekk il-Qorti mhux se tiehu konjizzoni ta' dawn id-dokumenti. Illi anke kieku stess l-attur iddecieda li jibdel id-dar tieghu u jaghmel spejjez fuq id-dar tieghu, ma jistax jitfa' r-responsabbilita' ta' dawn l-ispejjez fuq il-konvenuta, u dan peress li kieku l-Qorti kellha taccetta dan, ikun ifisser li kull min huwa obbligat ihallas manteniment lill-mara, jkun jista' jnaqqas jsew igib fix-xejn dak il-manteniment kemm il-darba jidhol fi spejjez li ma jiflahx ghalihom.

Ghalhekk fil-kawza odjerna l-attur ma gab l-ebda prova li s-sitwazzjoni finanzarja attwali tieghu mhux qeghda thallih jghix b'mod dicenti u illi m'ghadux fil-pozzizzjoni li jmantni lilu nnifsu.

L-attur jargumenta wkoll li huwa ma jistax imantni lilu nnifsu ghaliex is-sitwazzjoni ta' sahha tieghu inbidlet. Il-Qorti fehmet li s-sitwazzjoni medika tal-attur iggravat, pero' ma kenitx xi haga li l-attur ma kellux konjizzjoni taghha meta gie iffirmat il-kuntratt tas-separazzjoni konsenswali bejn il-partijiet, u dan peress li huwa kien ilu jaf li kellu sitwazzjoni medika li kienet tezisti u li kienet se tiggrava. Madanakollu, minn imkien ma jirrizulta li qabel ma ggrava huwa kien qed jahdem u illi kien minhabba li waqaf mix-xoghol li ma jistax ikompli jmantni lill-konvenuta.

Huwa minnu li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-attur inbidlet minhabba li dahal f'dejn li ma kienx jaf li ghandu mad-Dipartiment tas-Sigruta' Socjali, izda tenut kont tac-cirkostanzi kollha ezaminati minn din il-Qorti, il-Qorti hi tal-fehma li l-attur ma jinsabx fis-sitwazzjoni tant imwergha li qed jghid li qieghed fiha.

[38] Ezebiti a fol 45 sa fol 49 tal-process

In vista ta' dan, il-Qorti se taghmel referenza wkoll, ghall-kawza fl-ismijiet *Joanne Tabone pro et noe vs Jesmond Tabone deciza fit-3 t'Ottubru 2003*, meta r-ragel ma kellux mezzi biex jghajjex lilu nnifsu jew imantni lil haddiehor u xorta wahda gie ikkundannat ihallas kwantu ghal nofs li jippercepixxi bhala ghajnuna socjali. Tenut kont tal-fatt li jirrizulta li l-pensjoni tal-attur ma hix l-uniku introjtu li ghandu, il-Qorti tara li l-manteniment kif stabbilit fil-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali bejn il-partijiet datat 10 ta' Settembru 1997 fl-atti tan-Nutar Marco Burlo, huwa wiehed gust fic-cirkostanzi u m'hemmx raguni ghalfejn dan ghandu b'xi mod jigi rivedut.

Illi l-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll fil-mori tal-kawza l-attur ikkuntratta zwieg ma' terza persuna[39]. Peress li dan huwa avveniment li seħħ fil-mori ta' din il-kawza u peress ukoll li dan l-avveniment huwa intrinsikament marbut ma' dak mitlub fil-kawza mill-attur, il-Qorti se taghmel referenza ghall-Artikolu 3 tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta, li jghid hekk,

*"Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skont il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin[40], u li jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."*

Ghalhekk jekk l-attur illum ihoss li ma jistax imantni lilu nnifsu, u stante li llum il-gurnata ikkuntratta zwieg ma' terzi, sta ghalih li jitlob manteniment minghand il-mara tieghu, peress illi huma l-mizzewgin li huma legalment responsabbli li jmantnu lil xulxin, u mhux jitlob li jnaqqas il-manteniment tal-eks-mara tieghu.

Illi l-Qorti ma thossx li jkun gust u ekwu fic-cirkostanzi li l-manteniment dovut lill-konvenuta jitnaqqas b'xi mod.

[39] Certifikat taz-zwieg ezebit a fol 145 tal-process

[40] Emfazi li qed issir minn din il-Qorti

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-tabiet kollha ta' l-attur, tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' eccezzjoni, bl-ispejjez kollha kontra l-attur.